


Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' żewġ persuni | €820 |
| Kamra ta' persuna waħda | €990 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta – Lyon – Malta mal-KM Malta Air
- Eskursjonijiet skont il-programm
- 4 t' iljieli – Hotel Seminaire Campanile 3 star
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-Ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

## 10 - 14 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU:** Lyon, Perouges, Annecy, Grenoble, Vienne, Avignon...

**Il- Ħamis 10 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fis-07.00 għat-titjira KM454 li ttir fid-09.20 u naslu **Lyon** f'11.40. Transfer lejn iċ-ċentru ta' Lyon u check-in fil-**Hotel Seminaire Campanile** 3 stars li qiegħda fiċ-ċentru tal-belt.

**Il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru**
Breakfast u wara se jkollna **City Tour** biex niskopru s-sbuħija ta' din il-belt ta' **Lyon** mibnija madwar żewġ xmajjar kbar: Rhone u Saone. Inżuru l-Katidral medjevali b'arloġġ astronomiku u stained glass tas-Seklu 14, Place Bellecour, La Basilique Notre Dame De Fourviere tas-Seklu 19, Place des Terreaux, Bartholde fountain u Hotel De Ville. Wara mmorru nżuru wieħed mill-Xmas markets u ngawdu din il-belt sabiħa.

**Is-Sibt 12 ta' Diċembru**
Breakfast u tluq biex inżuru l-ġmiel pittoresk tal-**Alpi Franċiżi.** L-ewwel waqfa se tkun fil-villaġġ medjevali ta' **Perouges,** wara nkomplu lejn il - belt t'**Annecy**. Fid-dawra tagħna mal-belt nammiraw is-sbuħija u l-arkitettura tal-belt antika fil-postijiet storiċi. Palais de l'Ile, St.Pierre Cathedral, St. Francis Church, il-kastell u l-kanali jagħmlu lil din il-belt ġawhra mill-ifjen. Hawn ma jonqosx id-dwl tal-Milied u l-famuż Christmas Market. Nirritornaw lura Lyon.

**Il-Ħadd 13 ta' Diċembru**
Wara l-breakfast Illum ser immorru lejn l-għoljiet u nilħqu l-quċata tal-muntanji majestużi ta' l-**Alpi Franċiżi** fir-reġjun ta' Auvergne-Rhone biex inżuru **Grenoble**. Jispikka x-xenarju glorjuż li joffri nifs ta' arja friska u pura. Belt sabiħa madwar ix-xmara Isere. Il-mawra tagħna tibda miċ-ċentru Storiku fejn inżuru l-Katedral Notre-Dame. Inkomplu lejn Rue Sainte Clair, Rue De la Republique, Place Granette, Houses of Parliament u Quai Stephane jay fejn naraw veduta sabiħa tax-xmara Isere u l-għoljiet ta' **Mont Rachais** madwar Grenoble. Ħin liberu u wara mmorru dawra sa 'Jardin De Ville' minn fejn naqbdu it-Telepherique Grenoble Bastille fejn nitilgħu bil-cable cars magħrufa bħala (The Bubbles) minn fejn naraw xeni spettakolari tal-muntanji u ta' Grenoble u x-xmara. Hawn ukoll ma tonqoss dawra mal Xmas Markets.



**It-Tnejn 14 ta' Diċembru**
Wara l- breakfast, illum ser ikollna ġurnata mill-isbaħ fejn ser inżuru żewg postijiet interessanti, **Vienne** u **Avignon.** L-ewwel nagħmlu waqfa pjaċevoli f' Vienne, belt affaxxinanti ħdejn ix-xmara magħrufa għall-monumenti Rumani impressjonanti tagħha, il-katidral storiku, u l-atmosfera rilassata. Wara nkomplu fil-Provenza, naslu f' Avignon, atmosfera sabiħa, fejn dwal festivi u swieq staġjonali jsaħħu l-karattru tat-toroq medjevali. Ikollna ħin biex nammiraw il-Palais des Papes Magnifique, nesploraw il-belt antika u ngawdu xorb sħun f'wieħed mill-kafetteriji tradizzjonali li jħarsu lejn il-pjazzez storiċi. Kmieni filgħaxija nkomplu lejn l-Ajruport ta' Marseille għall-check-in u titjira FR7796 li ttir 22:25 u naslu lura Malta għall- ħabta ta' 00:10.